ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 50

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

27 ta' Frar 2010

Werrej

I *Atti leġislattivi*

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kunsill 2010/12/UE tas-16 ta' Frar 2010 li temenda d-Direttivi 92/79/KEE, 92/80/KEE u 95/59/KE dwar l-istruttura u r-rati ta' dazju tas-sisa applikati fuq tabakk manifatturat u d-Direttiva 2008/118/KE** . . . . . . . . 1

II *Atti mhux leġislattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 165/2010 tas-26 ta' Frar 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 li jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel fir-rigward tal-aflatossini** ([1]) . . . . . . . . 8

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 166/2010 tas-26 ta' Frar 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix . . . . . . . . 13

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 167/2010 tas-26 ta' Frar 2010 li jiffissa d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mill-1 ta' Marzu 2010 . . . . . . . . 15

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

**Prezz: 3 EUR**

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

2010/124/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Frar 2010 dwar ir-regoli ta' funzjonament tal-Kumitat previst fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea** ............................ 18

2010/125/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Frar 2010 li taħtar il-membri tal-Kumitat previst fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea** ............................ 20

MT

# I

*(Atti leġislattivi)*

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2010/12/UE

**tas-16 ta' Frar 2010**

**li temenda d-Direttivi 92/79/KEE, 92/80/KEE u 95/59/KE dwar l-istruttura u r-rati ta' dazju tas-sisa applikati fuq tabakk manifatturat u d-Direttiva 2008/118/KE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Waqt li jaġixxi bi proċedura leġislattiva speċjali,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/79/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-approssimazzjoni tad-dazji fuq is-sigaretti ([3]) u l-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/80/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar it-tqarrib tat-taxxi fuq it-tabakk fabbrikat li mhux sigaretti ([4]), twettqet reviżjoni fil-fond tar-rati u l-istruttura tad-dazji tas-sisa fuq prodotti tat-tabakk. Dik ir-reviżjoni inkludiet dispożizzjonijiet mid-Direttiva tal-Kunsill 95/59/KE tas-27 ta' Novembru 1995 dwar it-taxxi barra minn taxxi fuq il-qligħ li jaffettwaw il-konsum ta' tabakk manifatturat ([5]).

(2) Bil-għan li jkun żgurat it-tħaddim tajjeb tas-suq intern u, fl-istess ħin, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa, kif rekwiżit mill-Artikolu 168 tat-Trattat, meta jitqies li jista' jiġi kkawżat dannu serju għas-saħħa mill-prodotti tat-tabakk u li l-Unjoni hija Parti għall-Konvenzjoni ta' Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk (FCTC), għandhom isiru diversi bidliet fil-leġiżlazzjoni fiskali tal-Unjoni dwar il-prodotti tat-tabakk. Dawn il-bidliet għandhom jieħdu kont tal-qagħda prevalenti għal kull wieħed mill-prodotti varji tat-tabakk.

(3) Dwar is-sigaretti, l-arranġamenti għandhom ikunu ssimplifikati sabiex jinħolqu kondizzjonijiet newtrali ta' kompetizzjoni għall-manifatturi, biex inaqqsu s-separazzjoni tas-swieq tat-tabakk u jenfasizzaw l-għanijiet tas-saħħa. Għal dan il-għan, il-kunċett tal-kategorija tal-prezz l-aktar popolari għandu jiġi ssostitwit; ir-rekwiżit minimu relatat mal-prezz għandu jirreferi għall-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut, waqt li l-minimu monetarju għandu jkun applikabbli għas-sigaretti kollha. Għall-istess raġunijiet, il-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut għandu jservi wkoll bħala referenza għall-kejl tal-importanza ta' dazju tas-sisa speċifiku fil-piż totali tat-taxxa.

(4) Mingħajr preġudizzju għall-istruttura mħallta tat-taxxa u l-persentaġġ massimu tal-komponent speċifiku fuq il-piż tat-taxxa totali, l-Istati Membri għandhom jingħataw aktar mezzi effettivi biex jimponu dazju tas-sisa speċifiku jew minimu fuq is-sigaretti, sabiex jiżguraw li tal-anqas ċertu ammont minimu ta' tassazzjoni japplika madwar l-Unjoni.

(5) Dwar it-tabakk imqatta' fin intenzjonat għall-brim tas-sigaretti, ir-rekwiżit minimu relatat mal-prezz tal-Unjoni għandu jiġi espress b'tali mod li jinkisbu effetti simili għal dawk fil-qasam tas-sigaretti u għandu jieħu l-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut bħala l-punt ta' referenza.

(6) Il-bidliet fil-livelli tal-prezzijiet u s-sisa ġew analizzati, b'mod partikolari, għas-sigaretti, bl-aktar mod ċar l-aktar kategorija importanti ta' prodotti tat-tabakk, kif ukoll għat-tabakk imqatta' fin intenzjonat għall-brim tas-sigaretti. L-analiżi turi li għad hemm differenzi konsiderevoli bejn Stati Membri li jistgħu jfixklu t-tħaddim

([1]) Opinjoni tal-24 ta' Marzu 2009 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) ĠU C 228, 22.9.2009, p. 130.
([3]) ĠU L 316, 31.10.1992, p. 8.
([4]) ĠU L 316, 31.10.1992, p. 10.
([5]) ĠU L 291, 6.12.1995, p. 40.

tas-suq intern. Aktar konverġenza bejn il-livelli ta' taxxa applikati fl-Istati Membri tgħin biex jitnaqqsu l-frodi u l-kuntrabandu fl-Unjoni.

(7) Konverġenza akbar tgħin ukoll biex tiżgura livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem. Il-livell ta' tassazzjoni huwa fil-fatt fattur ewlieni fil-prezz tal-prodotti tat-tabakk, li min-naħa tiegħu jinfluwenza d-drawwiet tat-tipjip tal-konsumatur. Il-frodi u l-kuntrabandu jimminaw il-livelli tal-prezz ikkaġunati mit-taxxa, b'mod partikolari tas-sigaretti u tabakk imqatta' fin intenzjonat għall-brim tas-sigaretti u għalhekk jipperikolaw il-kisba tal-għanijiet tal-kontroll fuq it-tabakk u l-protezzjoni tas-saħħa.

(8) Bil-għan li tinkiseb konverġenza akbar u jitnaqqas il-konsum, il-livelli minimi ta' tassazzjoni fl-Unjoni fuq is-sigaretti u t-tabakk imqatta' fin intenzjonat għall-brim tas-sigaretti għandhom għalhekk jiżdiedu.

(9) Huwa meħtieġ li l-livelli minimi għat-tabakk imqatta' fin intenzjonat għall-brim tas-sigaretti jinġabu qrib il-livelli minimi applikabbli għas-sigaretti, sabiex jittieħed kont aħjar tal-grad ta' kompetizzjoni li teżisti bejn iż-żewġ prodotti, rifless fix-xejriet ta' konsum osservati, kif ukoll tal-karattru ugwalment ta' ħsara tagħhom.

(10) Perijodi tranżizzjonali għandhom jippermettu lill-Istati Membri sabiex jadattaw mingħajr problemi għal-livelli ġodda tad-dazju tas-sisa globali, u b'hekk jitnaqqsu l-effetti sekondarji possibbli.

(11) Sabiex tkun evitata l-ħsara għall-ekwilibriju ekonomiku u soċjali tal-Korsika, huwa kemm essenzjali kif ukoll ġustifikabbli li tiġi estiża sal-31 Diċembru 2015 id-deroga li permezz tagħha Franza tista' tapplika rata tad-dazju tas-sisa li tkun aktar baxxa mir-rata nazzjonali fuq is-sigaretti u t-tabakk l-ieħor manifatturat rilaxxat għall-konsum f'Korsika. Sa dik id-data, ir-regoli tat-taxxa għal tabakk manifatturat rilaxxat għall-konsum hemmekk għandhom jinġiebu f'konformità shiha mar-regoli għal Franza kontinentali. Madanakollu, għandu jkun evitat tibdil f'daqqa żżejjed u għandu għalhekk ikun hemm żieda fi stadji tad-dazju tas-sisa attwalment impost fuq is-sigaretti u t-tabakk imqatta' fin intenzjonat għall-brim tas-sigaretti f'Korsika.

(12) Sabiex tiġi evitata distorsjoni tal-kompetizzjoni u devjazzjonijiet mhux aċċettabbli ta' kummerċ u t-telf fuq id-dħul li jirriżulta għal dawk l-Istati Membri li japplikaw dazji tas-sisa għolja, kemm bħala sors importanti ta' dħul kif ukoll għal raġunijiet ta' saħħa, jidher meħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw limiti kwantitattivi firrigward tas-sigaretti li jistgħu jiddaħħlu fit-territorju tagħhom mingħajr aktar ħlas ta' dazji tas-sisa meta dawk is-sigaretti jiddaħħlu fit-territorju tagħhom minn Stati Membri li jibbenefikaw minn perijodi tranżizzjonali. Huwa adatt li tiġi modulata tali awtorizzazzjoni ta' restrizzjonijiet b'kont meħud tal-livell li jkun laħaq il-livell minimu obbligatorju ġenerali ta' tassazzjoni u d-diffikultajiet li l-Istati Membri li jibbenefikaw minn deroga jistgħu jiltaqgħu magħhom minn tassazzjoni aktar baxxa fi Stati Membri oħrajn fi triqthom lejn l-allinjament gradwali għal-livell minimu obbligatorju ġenerali.

(13) Bil-għan li jevita waqgħa fil-valur tal-livelli minimi ta' dazju fuq is-sigarri tal-Unjoni, sigarri żgħar u tabakk tat-tipjip li mhux tabakk imqatta' fin intenzjonat għall-brim ta' sigaretti, huwa meħtieġ li jiżdiedu l-livelli minimi, espressi bħala ammont speċifiku.

(14) Fl-interess ta' tassazzjoni uniformi u ġusta, id-definizzjoni ta' sigaretti, sigarri u sigarri żgħar u ta' tabakk tat-tipjip ieħor għandha tkun adattata sabiex, rispettivament, rombli tat-tabakk li skont it-tul tagħhom jistgħu jiġu kkunsidrati żewġ sigaretti jew aktar għal skop ta' sisa; tip ta' sigarru li huwa simili b'ħafna modi għas-sigarett huwa ttrattat bħala sigarett għal għanijiet ta' sisa; tabakk tat-tipjip li huwa simili b'ħafna modi għat-tabakk imqatta' fin intenzjonat għall-brim ta' sigaretti huwa ttrattat bħala tabakk imqatta' fin għal għan ta' sisa; u l-iskart tat-tabakk ikun definit b'mod ċar. Fid-dawl tad-diffikultajiet ekonomiċi li tista' tikkawża implimentazzjoni immedjata għall-operaturi Ġermaniżi u Ungeriżi kkonċernati, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika tal-Ungerija għandhom ikunu awtorizzati jipposponu l-implimentazzjoni tad-definizzjoni l-ġdida ta' sigarri u sigarri żgħar sal-1 ta' Jannar 2015.

(15) F'konformità mal-punt 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-liġi ([1]), l-Istati Membri huma mħeġġa jfasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Unjoni, it-tabelli tagħhom stess li kemm jista' jkun juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u biex jagħmluhom pubbliċi.

(16) Għalhekk id-Direttivi 92/79/KEE, 92/80/KEE, 95/59/KE u d-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa ([2]) għandhom jiġu emendati kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 92/79/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

1. Id-dazju tas-sisa globali (dazju speċifiku u dazju ad valorem minbarra l-VAT) fuq is-sigaretti għandu jirrappreżenta tal-anqas 57 % tal-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut tas-sigaretti rilaxxati għall-konsum. Dak id-dazju tas-sisa ma għandux ikun inqas minn EUR 64 għal kull 1 000 sigarett irrispettivament mill-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut.

([1]) ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.
([2]) ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12.

Madankollu, l-Istati Membri li jimponu dazju tas-sisa ta' mill-anqas EUR 101 għal kull 1 000 sigarett fuq il-bażi tal-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut ma jeħtiġilhomx li jikkonformaw mar-rekwiżit tas-57 % indikat fl-ewwel subparagrafu.

2. Mill-1 ta' Jannar 2014, id-dazju tas-sisa globali fuq is-sigaretti għandu jirrappreżenta tal-anqas 60 % tal-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut tas-sigaretti rilaxxati għall-konsum. Dak id-dazju tas-sisa ma għandux ikun inqas minn EUR 90 għal kull 1 000 sigarett irrispettivament mill-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut.

Madankollu, l-Istati Membri li jimponu dazju tas-sisa ta' mill-anqas EUR 115 għal kull 1 000 sigarett fuq il-bażi tal-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut ma jeħtiġilhomx li jikkonformaw mar-rekwiżit tas-57 % indikat fl-ewwel subparagrafu.

Il-Bulgarija, l-Estonja, il-Greċja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja u r-Rumanija għandhom jingħataw perijodu tranżizzjonali sal-31 ta' Diċembru 2017 sabiex jilħqu r-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi.

3. Il-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut għandu jkun ikkalkulat b'referenza għall-valur totali tas-sigaretti kollha rilaxxati għall-konsum, ibbażat fuq il-prezz tal-bejgħ bl-imnut inklużi t-taxxi kollha, diviż bil-kwantità totali ta' sigaretti rilaxxati għall-konsum. Dan għandu jiġi ddeterminat mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu ta' kull sena abbażi ta' data relatata mar-rilaxx għall-konsum kollu li jkun sar fis-sena kalendarja preċedenti.

4. L-Istati Membri għandhom iżidu b'mod gradwali d-dazji tas-sisa bil-għan li jilħqu r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 fid-dati indikati fih.

5. Il-Kummissjoni għandha tippubblika darba fis-sena l-valur tal-euro fil-muniti nazzjonali li għandu jiġi applikat għall-ammonti tad-dazju tas-sisa globali.

Ir-rati tal-kambju li għandhom jiġu applikati għandhom ikunu dawk miksuba fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Ottubru u ppublikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Huma għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar tas-sena kalendarja ta' wara.

6. L-Istati Membri jistgħu jżommu l-ammonti tat-taxxi tas-sisa fis-seħħ fiż-żmien tal-aġġustament annwali li hemm provvediment għalih fil-paragrafu 5 jekk l-ammonti ta' konverżjoni tat-taxxi tas-sisa maqluba f'EUR jirriżultaw f'żieda ta' inqas minn 5 % jew inqas minn EUR 5, skont liema ammont hu l-aktar baxx, fit-taxxa tas-sisa espressa f'munita nazzjonali."

(2) L-Artikolu 2a għandu jiġi ssostitwit kif gej:

"*Artikolu 2a*

1. Fejn bidla fil-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut isseħħ fi Stat Membru, u b'hekk iġġib id-dazju tas-sisa globali taħt il-livelli indikati fl-ewwel sentenzi tal-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 2 rispettivament, l-Istat Membru kkonċernat jista' ma jaġġustax dak id-dazju sal-1 ta' Jannar tat-tieni sena wara dik li fiha sseħħ il-bidla.

2. Fejn Stat Membru jżid ir-rata tat-taxxa tal-valur miżjud fuq is-sigaretti, huwa jista' jnaqqas id-dazju tas-sisa globali sa ammont li, espress bħala perċentwal tal-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut, huwa ugwali għaż-żieda fir-rata tat-taxxa tal-valur miżjud, espressa wkoll bħala perċentwal tal-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut, anke jekk aġġustament bħal dan għandu l-effett li jonqos id-dazju tas-sisa globali sa taħt il-livelli, espress bħala perċentwal tal-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut, stipulat fl-ewwel sentenzi tal-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 2 rispettivament.

Madankollu, l-Istat Membru għandu jerġa' jżid id-dazju sabiex jilħaq tal-anqas dawk il-livelli mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar tat-tieni sena wara dik li fiha jkun seħħ it-tnaqqis."

(3) L-Artikolu 3(4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 2, Franza tista' tkompli tapplika għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2015, rata mnaqqsa ta' dazju tas-sisa għas-sigaretti rilaxxati għall-konsum fid-dipartimenti ta' Korsika sa kwota annwali ta' 1 200 tunnellata. Ir-rata mnaqqsa għandha tkun:

— sal-31 ta' Diċembru 2012, mill-inqas 44 % tal-prezz għal sigaretti fil-kategorija tal-prezz l-aktar mitlub f'dawk id-dipartimenti;

— mill-1 ta' Jannar 2013, mill-inqas 50 % tal-prezz tal-bejgħ medju ppeżat tas-sigaretti rilaxxati għall-konsum. Id-dazju tas-sisa ma għandux ikun inqas minn EUR 88 għal kull 1 000 sigarett irrispettivament mill-prezz tal-bejgħ bl-imnut medju ppeżat;

— mill-1 ta' Jannar 2015, mill-inqas 57 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut medju ppeżat tas-sigaretti rilaxxati għall-konsum. Id-dazju tas-sisa ma għandux ikun inqas minn EUR 90 għal kull 1 000 sigarett irrispettivament mill-prezz tal-bejgħ bl-imnut medju ppeżat."

(4) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

1. Kull erba' snin, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kunsill rapport u, fejn huwa xieraq, proposta dwar ir-rati ta' dazju tas-sisa stipulati f'din id-Direttiva u l-istruttura tad-dazju tas-sisa kif imfissra bl-Artikolu 16 tad-Direttiva 95/59/KE tas-27 ta' Novembru 1995 dwar taxxi li mhumiex taxxi fuq il-qligħ li jaffettwaw il-konsum ta' tabakk manifatturat (*).

Ir-rapport mill-Kummissjoni għandu jqis it-tħaddim sew tas-suq intern, il-valur veru tar-rati tad-dazju tas-sisa u l-għanijiet usa' tat-Trattat.

2. Ir-rapport msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun ibbażat b'mod partikolari fuq it-tagħrif ipprovdut mill-Istati Membri.

3. Il-Kummissjoni għandha, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 43 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (**), tiddetermina lista ta' data ta' statistika meħtieġa għar-rapport, eskluż data relatata ma' persuni fiżiċi individwali jew entitajiet legali. Minbarra d-data li hija diġà disponibbli għall-Istati Membri, il-lista għandha tinkludi biss data li l-ġbir u t-tlaqqigħ tagħha ma jkunx jinvolvi piż amministrattiv sproporzjonat min-naħa tal-Istati Membri.

4. Il-Kummissjoni m'għandhiex tippubblika jew tikxef din id-data b'xi mod ieħor fejn dan ikun jista' jwassal għall-iżvelar ta' sigriet kummerċjali, industrijali jew professjonali.

(*) ĠU L 291, 6.12.1995, p. 40.
(**) ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12.".

*Artikolu 2*

Id-Direttiva 92/80/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3(1), huma miżjuda s-subparagrafi li ġejjin:

"Mill-1 ta' Jannar 2011, id-dazju tas-sisa globali (dazju speċifiku u/jew dazju ad valorem minbarra l-VAT) fuq tabakk tat-tipjip imqatta' fin intenzjonat għall-brim ta' sigaretti għandu jirrappreżenta tal-anqas 40 % tal-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut tat-tabakk tat-tipjip imqatta' fin intenzjonat għall-brim ta' sigaretti rilaxxat għall-konsum, jew tal-anqas EUR 40 għal kull kilogramm.

Mill-1 ta' Jannar 2013, id-dazju tas-sisa globali (dazju speċifiku u/jew dazju ad valorem minbarra l-VAT) fuq tabakk tat-tipjip imqatta' fin intenzjonat għall-brim ta' sigaretti għandu jirrappreżenta tal-anqas 43 % tal-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut tat-tabakk tat-tipjip imqatta' fin intenzjonat għall-brim ta' sigaretti rilaxxat għall-konsum, jew tal-anqas EUR 47 għal kull kilogramm.

Mill-1 ta' Jannar 2015, id-dazju tas-sisa globali (dazju speċifiku u/jew dazju ad valorem minbarra l-VAT) fuq tabakk tat-tipjip imqatta' fin intenzjonat għall-brim ta' sigaretti għandu jirrappreżenta tal-anqas 46 % tal-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut tat-tabakk tat-tipjip imqatta' fin intenzjonat għall-brim ta' sigaretti rilaxxat għall-konsum, jew tal-anqas EUR 54 għal kull kilogramm.

Mill-1 ta' Jannar 2018, id-dazju tas-sisa globali (dazju speċifiku u/jew dazju ad valorem minbarra l-VAT) fuq tabakk tat-tipjip imqatta' fin intenzjonat għall-brim ta' sigaretti għandu jirrappreżenta tal-anqas 48 % tal-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut tat-tabakk tat-tipjip imqatta' fin intenzjonat għall-brim ta' sigaretti rilaxxat għall-konsum, jew tal-anqas EUR 60 għal kull kilogramm.

Mill-1 ta' Jannar 2020, id-dazju tas-sisa globali (dazju speċifiku u/jew dazju ad valorem minbarra l-VAT) fuq tabakk tat-tipjip imqatta' fin intenzjonat għall-brim ta' sigaretti għandu jirrappreżenta tal-anqas 50 % tal-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut tat-tabakk tat-tipjip imqatta' fin intenzjonat għall-brim ta' sigaretti rilaxxat għall-konsum, jew tal-anqas EUR 60 għal kull kilogramm.

Il-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut għandu jkun ikkalkulat b'referenza għall-valur totali tat-tabakk imqatta' fin intenzjonat għall-brim tas-sigaretti kollha rilaxxati għall-konsum, ibbażat fuq il-prezz tal-bejgħ bl-imnut inklużi t-taxxi kollha, diviż bil-kwantità totali tat-tabakk imqatta' fin intenzjonat għall-brim ta' sigaretti rilaxxat għall-konsum. Dan għandu jiġi ddeterminat mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu ta' kull sena abbażi ta' data relatata mar-rilaxx għall-konsum kollu li jkun sar fis-sena kalendarja preċedenti.

Mill-1 ta' Jannar 2011, id-dazju tas-sisa globali espress bħala perċentwal, bħala ammont għal kull kilogramm jew għal għadd iffissat ta' oġġetti għandu jkun tal-anqas ekwivalenti għal li ġej:

(a) fil-każ ta' sigarri u sigarri żgħar, 5 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inklużi t-taxxi kollha jew EUR 12 għal kull 1 000 oġġett jew għal kull kilogramm;

(b) fil-każ tat-tabakk tat-tipjip, li mhuwiex tabakk tat-tipjip mqatta' fin intenzjonat għall-brim tas-sigaretti, 20 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inklużi t-taxxi kollha, jew EUR 22 għal kull kilogramm."

(2) L-Artikolu 3(4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. B'deroga mill-paragrafu 1, Franza tista' tkompli tapplika għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2015, rata mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat li mhux sigaretti rilaxxat għall-konsum fid-dipartimenti ta' Korsika Ir-rata mnaqqsa għandha tkun:

(a) għal sigarri u sigarillos:

mill-inqas 10 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut, inklużi t-taxxi kollha;

(b) għal tabakk tat-tipjip maqtugħ fin intenzjonat għall-brim ta' sigarretti:

— sal-31 ta' Diċembru 2012, mill-inqas 27 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut, inklużi t-taxxi kollha,

— mill-1 ta' Jannar 2013, mill-inqas 30 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut, inklużi t-taxxi kollha,

— mill-1 ta' Jannar 2015, mill-inqas 35 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut, inklużi t-taxxi kollha,

(c) għal tabakk ieħor għat-tipjip:

mill-inqas 22 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut, inklużi t-taxxi kollha."

(3) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

1. Kull erba' snin, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kunsill rapport u, fejn adatt, proposta dwar ir-rati u l-istruttura tad-dazju tas-sisa stabbiliti f'din id-Direttiva.

Ir-rapport mill-Kummissjoni għandu jqis it-tħaddim sew tas-suq intern, il-valur veru tar-rati tad-dazji tas-sisa u l-għanijiet usa' tat-Trattat.

2. Ir-rapport msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun ibbażat b'mod partikolari fuq it-tagħrif ipprovdut mill-Istati Membri.

3. Il-Kummissjoni għandha, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 43 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (*), tiddetermina lista ta' data ta' statistika meħtieġa għar-rapport, eskluż data relatata ma' persuni fiżiċi individwali jew entitajiet legali. Minbarra d-data li hija diġà disponibbli għall-Istati Membri, il-lista għandha tinkludi biss data li l-ġbir u l-muntaġġ tagħha ma jkunx jinvolvi piż amministrattiv sproporzjonat min-naħa tal-Istati Membri.

4. Il-Kummissjoni m'għandhiex tippubblika jew tikxef dik id-data b'xi mod ieħor fejn dan ikun jista' jwassal għall-iżvelar ta' sigriet kummerċjali, industrijali jew professjonali.

(*) ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12.".

(4) L-Artikolu 5(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika darba fis-sena l-valur tal-euro fil-muniti nazzjonali li għandu jiġi applikat għall-ammonti tad-dazju tas-sisa globali.

Ir-rati tal-kambju li għandhom jiġu applikati għandhom ikunu dawk miksuba fl-ewwel jum ta' xogħol ta' Ottubru u ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar tas-sena kalendarja ta' wara."

*Artikolu 3*

Id-Direttiva 95/59/KE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

1. Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu li huma sigarri jew sigarri żgħar jekk jistgħu ikunu u, minħabba l-karatteristiċi tagħhom u l-aspettattivi normali tal-konsumatur, huma intenzjonati esklussivament għat-tipjip għaliex huma:

(a) rombli tat-tabakk b'kisja fuq barra ta' tabakk naturali;

(b) rombli tat-tabakk b'mili ta' taħlita mfarrka u għandhom kisja fuq barra ta' kulur normali ta' sigarru, ta' tabakk rikostitwit, li jgħatti l-prodott kollu, inkluż fejn adatt il-filter iżda mhux, fil-każ ta' sigarri 'tipped', il-ponta, fejn il-piż ta' unità, mhux inkluż il-filter jew il-parti tal-ħalq, mhuwiex anqas minn 2,3 g u mhux aktar minn 10 g, u ċ-ċirkonferenza fuq tal-anqas terz tat-tul mhix anqas minn 34 mm.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-Ġermanja u l-Ungerija jistgħu jkomplu japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2014 l-Artikolu 3 tad-Direttiva 95/59/KE kif emendata bid-Direttiva 2002/10/KE."

(2) L-Artikolu 4(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Romblu tat-tabakk imsemmi fil-paragrafu 1 għandu, għal għanijiet tad-dazju tas-sisa, jiġi kkunsidrat bħala żewġ sigaretti fejn, meta teskludi l-filter jew il-bokkin, huwa itwal minn 8 ċm iżda mhux itwal minn 11-il ċm, jew tliet sigaretti fejn, meta teskludi l-filter jew il-bokkin, huwa itwal minn 11-il ċm iżda mhux itwal minn 14-il ċm, u l-kumplament."

(3) Fl-Artikolu 5, il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) fdal tat-tabakk impoġġi għall-bejgħ bl-imnut li ma jaqax taħt l-Artikoli 3 u 4 u li jista' jiġi mpejjep. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, 'fdal tat-tabakk' għandu jiġi kkunsidrat bħala skart mill-weraq tat-tabakk u prodotti sekondarji miksuba mill-ipproċessar tat-tabakk jew mill-manifattura ta' prodotti tat-tabakk."

(4) L-Artikolu 6 huwa emendat b'dan li ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu l-kliem "1 millimetru" għandu jiġi ssostitwit bil-kliem "1,5 millimetru";

(b) fit-tieni paragrafu l-kliem "aktar minn 1 millimetru" għandu jiġi ssostitwit bil-kliem "1,5 millimetru jew aktar";

(5) L-Artikolu 7(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Prodotti li jikkonsistu parzjalment f'sustanzi li mhumiex tabakk iżda li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3 għandhom ikunu meqjusa bħala sigarri u sigarri żgħar."

(6) L-Artikolu 8(4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fejn meħtieġ, id-dazju tas-sisa fuq sigaretti jista' jinkludi komponent minimu tat-taxxa, dment li jkunu rispettati strettament l-istruttura mħallta ta' tassazzjoni u l-faxxa tal-komponent speċifiku tad-dazju tas-sisa kif stipulata fl-Artikolu 16."

(7) L-Artikolu 16 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 16*

1. Il-persentaġġ tal-komponent speċifiku tad-dazju tas-sisa fl-ammont tal-piż tat-taxxa totali fuq is-sigaretti għandu jiġi stabbilit b'referenza għall-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut.

2. Il-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut għandu jkun ikkalkulat b'referenza għall-valur totali tas-sigaretti kollha rilaxxati għall-konsum, ibbażat fuq il-prezz tal-bejgħ bl-imnut inklużi t-taxxi kollha, diviż bil-kwantità totali ta' sigaretti rilaxxati għall-konsum. Dan għandu jiġi ddeterminat mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu ta' kull sena abbażi ta' *data* relatata mar-rilaxx għall-konsum kollu li jkun sar fis-sena kalendarja preċedenti.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2013 il-komponent speċifiku tad-dazju tas-sisa ma jistax ikun inqas minn 5 % u aktar minn 76,5 % tal-ammont tal-piż tat-taxxa totali li jirriżulta mill-aggregazzjoni ta' li ġej:

(a) dazju tas-sisa speċifiku;

(b) id-dazju tas-sisa proporzjonali u t-taxxa fuq il-valur miżjud imposta fuq il-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut.

4. Mill-1 ta' Jannar 2014, il-komponent speċifiku tad-dazju tas-sisa fuq is-sigaretti ma jistax ikun inqas minn 7,5 % u mhux aktar minn 76,5 % tal-ammont tal-piż tat-taxxa totali li jirriżulta mill-aggregazzjoni ta' li ġej:

(a) dazju tas-sisa speċifiku;

(b) id-dazju tas-sisa proporzjonali u t-taxxa fuq il-valur miżjud imposta fuq il-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut.

5. B'deroga mill-paragrafi 3 u 4, fejn bidla fil-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut isseħħ fi Stat Membru, u b'hekk iġġib il-komponent speċifiku tad-dazju tas-sisa, espress bħala perċentwal tal-piż tat-taxxa totali, taħt il-perċentwal ta' 5 % jew 7,5 %, skont liema jkun applikabbli, jew 'il fuq mill-perċentwal ta' 76,5% tal-piż tat-taxxa totali, l-Istat Membru kkonċernat jista' ma jaġġustax l-ammont tad-dazju speċifiku tas-sisa sal-1 ta' Jannar tat-tieni sena wara dik li fiha sseħħ il-bidla.

6. Minkejja l-Artikolu 8(1), l-Istati Membri jistgħu jeskludu d-dazji tad-dwana mill-bażi għall-kalkolu tat-taxxa tas-sisa proporzjonali fuq is-sigaretti.

7. Soġġett għall-paragrafi 3, 4, 5 u 6, l-Istati Membri jistgħu jimponu dazju tas-sisa minimu fuq is-sigaretti."

(8) L-Artikolu 17 huwa mħassar.

*Artikolu 4*

Id-Direttiva 2008/118/KE hija b'dan emendata kif ġej:

Fl-Artikolu 46, jiżdied dan il-paragrafu:

"3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 32, l-Istati Membri mhux imsemmija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 92/79/KEE, jistgħu, fir-rigward tas-sigaretti li jistgħu jiddaħħlu fit-territorju tagħhom mingħajr aktar ħlas ta' dazji tas-sisa, japplikaw mill-1 ta' Jannar 2014 limitu kwantitattiv ta' mhux inqas minn 300 oġġett fir-rigward ta' sigaretti mdaħħlin minn Stat Membru li japplika, f'konformità mat-tielet subparagrafu mal-Artikolu 2(2) ta' dik id-Direttiva, dazji tas-sisa aktar baxxi minn dawk li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tagħha.

L-Istati Membri msemmija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 2(2), tad-Direttiva 92/79/KEE li jimponu dazju tas-sisa ta' mill-anqas EUR 77 għal kull 1 000 sigarett irrispettivament mill-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut, jistgħu, mill-1 ta' Jannar 2014, japplikaw limitu kwantitattiv ta' mhux inqas minn 300 oġġett fir-rigward ta' sigaretti mdaħħlin fit-territorju tagħhom minn Stat Membru li japplika dazju tas-sisa aktar baxx f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 2(2) ta' dik id-Direttiva.

L-Istati Membri li japplikaw limitu kwantitattiv f'konformità mal-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan. Huma jistgħu jwettqu l-kontrolli meħtieġa dment li dawn il-kontrolli ma jaffettwawx il-funzjonament korrett tas-suq intern."

*Artikolu 5*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva b'effett mill-1 ta' Jannar 2011 ħlief jekk previst mod ieħor f'din id-Direttiva. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

Meta jiġu adottati mill-Istati Membri, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi li bihom issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 6*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 7*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Frar 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. SALGADO

II

*(Atti mhux leġislattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 165/2010

**tas-26 ta' Frar 2010**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 li jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel fir-rigward tal-aflatossini**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissal-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel ([2]), jiffissal-livelli massimi għall-aflatossina B1 u t-totali tal-aflatossini (l-aflatossini B1 + G1 + B2 + G2) f'medda ta' oġġetti tal-ikel.

(2) Tinħtieġ l-emenda ta' ċerti livelli massimi tal-aflatossini f'ċerti oġġetti tal-ikel minħabba żviluppi li saru fil-Codex Alimentarius u informazzjoni ġdida li ħarġet minn pariri xjentifiċi riċenti.

(3) Il-Codex Alimentarius stabbilixxa livell ta' 15 µg/kg total ta' aflatossini fil-lewż, fil-ġellewż u fil-pistaċċi li huma maħsubin għal iżjed ipproċessar, u livell ta' 10 µg/kg total ta' aflatossini fil-lewż, fil-ġellewż u fil-pistaċċi li huma lesti biex jittieklu "ready-to-eat" ([3]).

(4) Il-Bord Xjentifiku dwar l-Aġenti ta' Kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari (il-Bord tal-CONTAM) tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Ikel (EFSA) fil-25 ta' Jannar 2007 adotta opinjoni dwar iż-żieda potenzjali tar-riskju għas-saħħa tal-konsumatur minn possibbiltà ta' żieda tal-livelli massimi għall-aflatossini fil-lewż, fil-ġellewż u fil-pistaċċi u f'prodotti derivattivi tagħhom ([4]). Il-Bord tal-CONTAM ikkonkluda li bidla fil-livelli massimi għat-totali tal-aflatossini minn 4 sa 8 jew 10 µg/kg fil-lewż, il-ġellewż u l-pistaċċi jkollha effetti minimi fuq l-estimi tal-esponiment mill-ikel, tar-riskju ta' kanser u fuq il-Marġini kkalkolati tal-Esponiment (Margins of Exposure - MOEs). Il-Bord ikkonkluda wkoll li l-esponiment għall-aflatossini minn kwalunkwe sors għandu jkun baxx kemm jista' jkun, għaliex l-aflatossini huma ġenotossiċi u karċinoġeniċi. Id-dejta turi li jista' jinkiseb tnaqqis fl-esponiment totali għall-aflatossini mid-dieta jekk jitnaqqas mis-suq in-numru ta' oġġetti tal-ikel b' kontaminazzjoni għolja, permezz ta' infurzar iżjed effikaċi u billi jitnaqqas l-esponiment minn sorsi ta' ikel oħra minbarra l-lewż, il-ġellewż u l-pistaċċi.

(5) Fis-16 ta' Ġunju 2009 il-Bord tal-CONTAM adotta stqarrija dwar l-effetti fuq is-saħħa pubblika ta' żieda fil-livelli totali ta' aflatossini minn 4 µg/kg għal 10 µg/kg fil-ġewż tas-siġar minbarra l-lewż, il-ġellewż u l-pistaċċi ([5]). Il-Bord ikkonkluda li fuq l-informazzjoni disponibbli fl-2007, is-saħħa pubblika ma tkunx affettwata ħażin jekk il-livelli totali għall-aflatossini jiżdiedu minn 4 µg/kg għal 10 µg/kg għal ġewż oħra tas-siġar, inklużi l-ġewż tal-Brażil. Fid-dawl tad-diskussjonijiet li għaddejjin fil-Codex Alimentarius dwar il-livelli massimi għall-aflatossini fil-ġewż tal-Brażil, huwa xieraq li l-livell għall-aflatossini fil-ġewż tal-Brazil ikun allinjat mal-livell tal-Codex għall-lewż, il-ġellewż u l-pistaċċi.

([1]) ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1.

([2]) ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5.

([3]) L-Istandard Ġenerali tal-Codex għas-sustanzi Kontaminanti u t-tossini fl-ikel (CODEX STAN 193-1995) http://www.codexalimentarius.net/download/standards/17/CXS_193e.pdf

([4]) *The EFSA Journal* (2007) 446, 1-127. http://www.efsa.europa.eu/cs/BlobServer/Scientific_Opinion/CONTAM%20_op_ej446_aflatoxins_en.pdf?ssbinary = true

([5]) Stqarrija tal-Bord Xjentifiku dwar l-aġenti ta' kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari fuq it-talba tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-effetti fuq is-saħħa pubblika ta' żieda fil-livelli tal-aflatossini totali minn 4 µg/kg għal 10 µg/kg fil-ġewż tas-siġar minbarra l-lewż, il-ġellewż u l-pistaċċi. *The EFSA Journal* (2009) 1168, 1-11. http://www.efsa.europa.eu/cs/BlobServer/Statement/contam_statement_ej1168_aflatoxin_other_treenuts_en,0.pdf?ssbinary = true

(6) Il-Codex Alimentarius stabbilixxa biss livell massimu għat-total tal-aflatossini. Il-livell korrispondenti għall-aflatossina B1 ġie stabbilit permezz tal-bank tad-dejta dwar l-inċidenza tal-aflatossini fl-ikel li ntuża mill-EFSA għall-valutazzjoni tal-esponiment.

(7) Fl-opinjoni tal-EFSA dwar l-aflatossini huwa nnotat li ż-żrieragħ taż-żejt u l-prodotti derivattivi tagħhom huma kontributur importanti tal-esponiment tal-bniedem għall-aflatossini. L-EFSA kkonkludiet li l-esponiment għall-aflatossini minn kull sors għandu jkun baxx kemm hu raġonevolment possibbli. Barra minn hekk, notifiki fis-Sistema tat-Twissija Rapida għall-ikel u l-għalf (RASFF) jindikaw livelli għoljin ta' aflatossini fiż-żrieragħ taż-żejt bħaż-żerriegħa tal-ġirasol, iż-żerriegħa tal-bettiegħ, eċċ. Għaldaqstant ġie propost li għandu jkun iffissat livell massimu għaż-żrieragħ taż-żejt barra l-ġewż tal-art (il-karawett), korrispondenti għal-livelli massimi li hemm għall-ġewż tal-art (il-karawett). Iżda, billi l-aflatossini jitneħħew kważi kompletament bil-proċess li bih isiru ż-żjut veġetali rfinuti, huwa xieraq li jitħallew barra ż-żrieragħ taż-żejt, inklużi l-ġewż tal-art (il-karawett), li jkunu maħsubin biex jitfarrku għall-produzzjoni taż-żejt veġetali rfinut u mhux irfinut.

(8) Ġie ffissat livell massimu ta' 2 μg/kg għall-aflatossina B1 u 4 μg/kg għat-total tal-aflatossini fiċ-ċereali u l-prodotti derivattivi tagħhom kollha, minbarra l-qamħirrum, li jrid jiġi magħżul jew ittrattat b'xi mod fiżiku ieħor qabel ma jkun rilaxxat għall-konsum mil-bniedem u li għalih ġie ffissat livell massimu ta' 5 μg/kg għall-aflatoxina B1 u 10 μg/kg għat-total ta' afflatossini. Ir-ross bil-ħliefa dejjem ikun fih livelli ta' aflatossini daqsxejn ogħla mil-livelli massimi. Wara t-tneħħija tal-ħliefa, il-livelli tal-aflatossini fir-ross abjad ikunu inqas mil-livelli massimi. Għalhekk jixraq li r-ross jiġi ttrattat bl-istess mod bħall-qamħirrum, u li jiġi ffissat livell massimu ogħla għall-aflatossina B1 u għat-total tal-aflatossini għar-ross li jkun maħsub biex jintagħżel, jew isirlu xi trattament fiżiku ieħor, qabel ma jiġi kkunsmat mill-bniedem jew jintuża bħala ingredjent fl-oġġetti tal-ikel.

(9) Il-livelli massimi jirriferu għall-parti li tittiekel tal-ġewż tas-siġar. Iżda hemm evidenza xjentifika riċenti li turi li parti mill-kontaminazzjoni bl-aflatossini qiegħda fuq il-qoxra tal-ġewż tal-Brażil. Għalhekk jixraq li tkun emendata n-nota ta' qiegħ il-paġna fl-Anness, biex turi l-proċedura li għandha ssir jekk ikunu analizzati l-ġewż tas-siġar "fil-qoxra", biex tkun meqjusa din l-informazzjoni xjentifika riċenti.

(10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

**Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ġewż tal-art, iż-żrieragħ taż-żejt, il-frott imnixxef u l-qamħirrum**

Il-ġewż tal-art (il-karawett), żrieragħ oħra taż-żejt, il-ġewż tas-siġar, il-frott imnixxef, ir-ross u l-qamħirrum li ma jikkonformawx mal-livelli massimi relevanti tal-alfatossini stipulati fil-punti 2.1.5, 2.1.6, 2.1.7, 2.1.8, 2.1.10 u 2.1.11 tal-Anness jistgħu jitqiegħdu fis-suq bil-kondizzjoni li dawn l-oġġetti tal-ikel:

(a) ma jkunux maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem jew bħala ingredjenti f'oġġetti tal-ikel;

(b) jikkonformaw mal-livelli massimi relevanti stipulati fil-punti 2.1.1, 2.1.2, 2.1.3, 2.1.4, 2.1.9 u 2.1.12 tal-Anness;

(c) ikunu soġġetti għal trattament li jinvolvi l-għażla jew xi trattament fiżiku ieħor u li wara dan it-trattament il-livelli massimi stipulati fil-punti 2.1.5, 2.1.6 u 2.1.7, 2.1.8, 2.1.10 u 2.1.11 tal-Anness ma jinqabżux, u li dan it-trattament ma jirriżultax f'residwi oħrajn li jagħmlu ħsara;

(d) ikunu ttikkettati b'mod ċar, li juri l-użu tagħhom bl-indikazzjoni, "il-prodott għandu jiġi magħżul jew se jsirlu xi trattament fiżiku ieħor biex titnaqqaslu l-kontaminazzjoni bl-aflatossini qabel ma jitħalla għall-konsum mill-bniedem jew jintuża bħala ingredjent f'oġġetti tal-ikel". Din l-indikazzjoni għandha tkun inkluża fuq it-tikketta ta' kull pakkett, kaxxa eċċ individwali, jew fuq id-dokument oriġinali li jintbagħat mal-konsenja. Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-konsenja/lott għandu jkun immarkat b'mod indellibbli fuq kull pakkett/kaxxa individwali tal-konsenja u fuq id-dokument oriġinali li jintbagħat magħha."

(2) L-Artikolu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

**Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ġewż tal-art(il-karawett), żrieragħ oħra taż-żejt, il-prodotti dderivati minnhom u ċ-ċereali**

Indikazzjoni ċara dwar l-użu maħsub għandha tidher fuq it-tikketta ta' kull pakkett individwali, kaxxa, eċċ. jew fuq id-dokument oriġinali li jintbagħat mal-konsenja. Dan id-dokument għandu jkollu konnessjoni ċara mal-konsenja permezz tal-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-konsenja, li tinsab fuq kull pakkett individwali, fuq kull kaxxa, eċċ. tal-konsenja. Barra minn hekk l-attività kummerċjali tad-destinatarju tal-konsenja li tkun indikata fid-dokument ta' mal-konsenja, għandha tkun waħda kompatibbli mal-użu maħsub.

Fl-assenza ta' indikazzjoni ċara li l-użu maħsub tagħhom mhux għall-konsum mill-bniedem, il-livelli massimi stipulati fil-punti 2.1.5 u 2.1.11 tal-Anness għandhom japplikaw għall-ġewż tal-art (il-karawett) kollu, għaż-żrieragħ taż-żejt u l-prodotti dderivati minnhom u ċ-ċereali li jinsabu fis-suq.

Fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-ġewż tal-art (il-karawett) u żrieragħ oħra taż-żejt li jkunu maħsuba għat-tifrik u l-applikazzjoni tal-livelli massimi stipulati fil-punt 2.1.1 tal-Anness, l-eċċezzjoni tapplika biss għal konsenji li jkollhom tikketta ċara li tindika l-użu li huma maħsuba għalih u li jkun fiha l-kliem "dan il-prodott maħsub għat-tifrik għall-produzzjoni taż-żejt veġetali rfinut". Din l-indikazzjoni għandha tidher fuq it-tikketta ta' kull pakkett, kaxxa eċċ individwali u fuq id-dokument(i) oriġinali li jasal/jaslu mal-konsenja. Id-destinazzjoni finali trid tkun impjant tat-tħin."

(3) L-Anness huwa emendat kif ġej:

(a) is-sottosezzjoni 2.1 (l-Aflatossini) tinbidel bit-test li hemm fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(b) in-nota f'qiegħ il-pagna 5 hija mibdula b'dan li ġej:

"([5]) Il-livelli massimi jirriferu għall-parti li tittiekel tal-ġewż tal-art (il-karawett) u tal-ġewż tas-siġar. Jekk jiġu analizzati l-ġewż tal-art (il-karawett) u l-ġewż tas-siġar "bil-qoxra", wieħed jista' jassumi meta jiġi kkalkolat il-kontenut tal-alfatossini li l-kontaminazzjoni kollha tinsab fil-parti li tittiekel ħlief fil-każ tal-ġewż tal-Brażil."

(c) in-noti ta' qiegħ il-paġna li ġejjin jiżdiedu:

"([40]) Żrieragħ taż-żejt li jidħlu fl-ambitu tal-kodiċi NM 1201, 1202, 1203, 1204, 1205, 1206, 1207 u l-prodotti dderivati NM 1208; żrieragħ tal-bettiegħ jidħlu taħt il-kodiċi ex 1207 99.

([41]) Fil-każ li l-prodotti dderivati minnhom/ipproċessati tagħhom ikunu dderivati/pproċessati biss mill-ġewż tas-siġar ikkonċernati, il-livelli massimi kif inhuma ffissati għall-ġewż tas-siġar korrispondenti japplikaw ukoll għall-prodotti dderivati/pproċessati. F'każi oħra, l-Artikoli 2(1) u 2(2) japplikaw għall-prodotti dderivati/pproċessati."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-għadma tal-berquqa, għaż-żrieragħ taż-żejt minbarra l-ġewż tal-art (il-karawett) u l-prodotti tagħhom ipproċessati, li tqiegħdu fis-suq qabel id-data ta' applikazzjoni b'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli f'din id-data.

Il-piż tal-prova dwar meta l-prodotti tqiegħdu fis-suq għandu jinġarr mill-operatur tan-negozju tal-ikel.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għaxar jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Frar 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

| Oġġetti tal-ikel (1) | | Livelli massimi (μg/kg) | | |
|---|---|---|---|---|
| “2.1. | **Aflatossini** | $B_1$ | Is-somma ta’ $B_1$, $B_2$, $G_1$ u $G_2$ | $M_1$ |
| 2.1.1. | Ġewż tal-art (il-karawett) u żrieragħ oħra taż-żejt (40) li għandhom jiġu magħżulin, jew jingħataw xi trattament fiżiku ieħor, qabel ma jiġu kkunsmati mill-bniedem jew jintużaw bħala ingredjent fl-oġġetti tal-ikel<br>minbarra:<br>— il-ġewż tal-art (il-karawett) u żrieragħ oħra taż-żejt għat-tifrik fil-produzzjoni taż-żejt veġetali rfinut | 8,0 (5) | 15,0 (5) | — |
| 2.1.2. | Il-lewż, il-pistaċċi u l-għadma tal-berquqa li se jiġu magħżulin jew jingħataw xi trattament fiżiku ieħor, qabel ma jiġu kkunsmati mill-bniedem jew jintużaw bħala ingredjent fl-oġġetti tal-ikel | 12,0 (5) | 15,0 (5) | — |
| 2.1.3. | Il-ġellewż u l-ġewż tal-Brażil li se jiġu magħżulin, jew jingħataw xi trattament fiżiku ieħor qabel ma jiġu kkunsmati mill-bniedem jew jew jintużaw bħala ingredjent fl-oġġetti tal-ikel | 8,0 (5) | 15,0 (5) | |
| 2.1.4. | Il-ġewż tas-siġar, minbarra dawk elenkati fi 2.1.2 u 2.1.3, li għandhom jiġu magħżulin, jew jingħataw xi trattament fiżiku ieħor, qabel ma jiġu kkunsmati mill-bniedem jew jintużaw bħala ingredjent fl-oġġetti tal-ikel | 5,0 (5) | 10,0 (5) | — |
| 2.1.5. | Il-ġewż tal-art (il-karawett) u żrieragħ taż-żejt oħra (40) u l-prodotti pproċessati tagħhom, maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem jew biex jintużaw bħala ingredjent fl-oġġetti tal-ikel,<br>minbarra:<br>— iż-żjut veġetali mhux irfinuti li huma maħsuba biex ikunu rfinuti<br>— iż-żjut veġetali rfinuti | 2,0 (5) | 4,0 (5) | — |
| 2.1.6. | Il-lewż, il-pistaċċi u l-għadam tal-berquq li huma maħsubin biex jiġu kkunsmati direttament mill-bniedem jew jintużaw bħala ingredjent fl-oġġetti tal-ikel (41) | 8,0 (5) | 10,0 (5) | — |
| 2.1.7. | Il-ġellewż u l-ġewż tal-Brażil li huma maħsubin biex jiġu kkunsmati direttament mill-bniedem jew jintużaw bħala ingredjent fl-oġġetti tal-ikel (41) | 5,0 (5) | 10,0 (5) | |
| 2.1.8. | Il-ġewż tas-siġar, minbarra dawk elenkati fit-2.1.6 u t-2.1.7, u l-prodotti pproċessati tagħhom, li huma maħsuba biex jiġu kkunsmati mill-bniedem jew jintużaw bħala ingredjent fl-oġġetti tal-ikel | 2,0 (5) | 4,0 (5) | — |
| 2.1.9. | Il-frott imnixxef li hu maħsub biex jintgħażel, jew isirlu xi trattament fiżiku ieħor, qabel ma jiġi kkunsmat mill-bniedem jew jintuża bħala ingredjent fl-oġġetti tal-ikel | 5,0 | 10,0 | — |
| 2.1.10. | Il-frott imnixxef u l-prodotti pproċessati tiegħu, maħsub għall-konsum dirett mill-bniedem jew biex jintuża bħala ingredjent fl-oġġetti tal-ikel | 2,0 | 4,0 | — |
| 2.1.11. | Iċ-ċereali kollha u l-prodotti kollha li huma dderivati miċ-ċereali, inklużi l-prodotti taċ-ċereali pproċessati, ħlief l-oġġetti tal-ikel elenkati fit-2.1.12, it-2.1.15 u t-2.1.17 | 2,0 | 4,0 | — |

| Oġġetti tal-ikel (1) | | Livelli massimi (μg/kg) | | |
|---|---|---|---|---|
| 2.1.12. | Il-qamħirrum u r-ross li huwa maħsub biex jiġi magħżul jew jingħata xi trattament fiżiku ieħor qabel ma jiġi kkunsmat mill-bniedem jew jintuża bħala ingredjent fl-oġġetti tal-ikel | 5,0 | 10,0 | — |
| 2.1.13. | Il-ħalib nej (6), il-ħalib ittrattat bis-sħana u l-ħalib għall-manifattura tal-prodotti bbażati fuq ħalib | — | — | 0,050 |
| 2.1.14. | L-ispeċi ta' ħwawar li ġejjin:<br>*Capsicum spp* (il-frott imnixxef tiegħu, sħiħ jew mitħun, inkluż il-bżar aħmar jaħraq, it-trab tal-bżaru, il-cayenne u l-paprika)<br>*Piper spp* (il-frott tiegħu, inkluż il-bżar abjad u iswed)<br>*Myristica fragrans* (in-noċemuskata)<br>*Zingiber officinale* (il-ġinġer)<br>*Curcuma longa* (iż-żagħfran tal-Indja)<br>Taħlitiet ta' ħwawar li fihom waħda jew aktar mill-ħwawar imsemmija hawn fuq | 5,0 | 10,0 | — |
| 2.1.15. | Ikel ipproċessat b'bażi ta' ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar (3), (7) | 0,10 | — | — |
| 2.1.16. | Formula għat-trabi u formula għal dawk it-trabi li qabżu s-sitt xhur, inklużi l-ħalib tat-trabi u l-ħalib tat-trabi ta' iktar minn sitt xhur (4), (8) | — | — | 0,025 |
| 2.1.17. | Ikel tad-dieta għal raġunijiet mediċi speċjali (9), (10) maħsub speċifikament għat-trabi | 0,10 | — | 0,025" |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 166/2010

## tas-26 ta’ Frar 2010

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (1),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta’ Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex (2), u b’mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-27 ta’ Frar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta’ Frar 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f’isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

(1) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
(2) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 114,6 |
| | JO | 82,9 |
| | MA | 97,0 |
| | TN | 131,1 |
| | TR | 105,0 |
| | ZZ | 106,1 |
| 0707 00 05 | EG | 216,8 |
| | JO | 147,9 |
| | MK | 147,9 |
| | TR | 155,6 |
| | ZZ | 167,1 |
| 0709 90 70 | IL | 265,5 |
| | MA | 135,0 |
| | TR | 92,4 |
| | ZZ | 164,3 |
| 0709 90 80 | EG | 82,2 |
| | ZZ | 82,2 |
| 0805 10 20 | EG | 48,5 |
| | IL | 58,4 |
| | MA | 51,2 |
| | TN | 57,3 |
| | TR | 61,8 |
| | ZZ | 55,4 |
| 0805 20 10 | EG | 65,1 |
| | IL | 154,5 |
| | MA | 75,3 |
| | TR | 77,6 |
| | ZZ | 93,1 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CN | 54,8 |
| | EG | 69,6 |
| | IL | 88,1 |
| | JM | 97,9 |
| | MA | 119,4 |
| | PK | 35,3 |
| | TR | 60,8 |
| | ZZ | 75,1 |
| 0805 50 10 | EG | 76,3 |
| | IL | 76,3 |
| | MA | 68,6 |
| | TR | 65,1 |
| | ZZ | 71,6 |
| 0808 10 80 | CA | 65,9 |
| | CL | 59,9 |
| | CN | 68,3 |
| | MK | 24,7 |
| | US | 117,4 |
| | ZZ | 67,2 |
| 0808 20 50 | AR | 89,8 |
| | CL | 75,8 |
| | CN | 42,0 |
| | US | 95,7 |
| | ZA | 95,0 |
| | ZZ | 79,7 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 167/2010

## tas-26 ta' Frar 2010

## li jiffissa d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mill-1 ta' Marzu 2010

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 dwar regoli ta' applikazzjoni (dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (qamħ durum ta' kwalità għolja), 1002, ex 1005 minbarra ż-żrieragħ ibridi, u ex 1007 minbarra l-ibridu għaż-żrigħ, id-dazju tal-importazzjoni huwa daqs il-prezz tal-intervent li jgħodd għal dawn il-prodotti fil-waqt tal-importazzjoni, biż-żieda ta' 55 % u bit-tnaqqis tal-prezz tal-importazzjoni CIF applikabbli għall-kunsenja kkonċernata. Madankollu, dan id-dazju ma jistax jaqbeż ir-rata ta' dazji fit-Tariffa Doganali Komuni.

(2) L-Artikolu 136(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, għall-finijiet tal-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu msemmi, għall-prodotti kkonċernati kull tant żmien jiġu stabbiliti prezzijiet rappreżentattivi CIF għall-importazzjoni.

(3) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96, il-prezz li għandu jintuża għall-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (qamħ durum ta' kwalità għolja), 1002 00, 1005 10 90, 1005 90 00 u 1007 00 90, huwa l-prezz rappreżentattiv tal-importazzjoni CIF tal-ġurnata stabbilit skont il-metodu pprovdut fl-Artikolu 4 tar-Regolament imsemmi.

(4) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti d-dazji tal-importazzjoni għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2010, applikabbli sakemm jidħlu fis-seħħ dazji tal-importazzjoni ġodda,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Mill-1 ta' Marzu 2010, id-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huma stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament abbażi tal-fatturi msemmija fl-Anness II.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Frar 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 161, 29.6.1996, p. 125.

*ANNESS I*

**Dazji tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 applikabbli mill-1 ta' Marzu 2010**

| Kodiċi NK | Isem tal-merkanziji | Dazju tal-importazzjoni (1) (EUR/t) |
|---|---|---|
| 1001 10 00 | QAMĦ iebes ta' kwalità għolja | 0,00 |
| | ta' kwalità medja | 0,00 |
| | ta' kwalità baxxa | 0,00 |
| 1001 90 91 | QAMĦ għaż-żrigħ | 0,00 |
| ex 1001 90 99 | QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, minbarra dak li hu taż-żrigħ | 0,00 |
| 1002 00 00 | SEGALA | 36,84 |
| 1005 10 90 | QAMĦIRRUM għaż-żrigħ minbarra dak ibridu | 17,08 |
| 1005 90 00 | QAMĦIRRUM minbarra dak taż-żrigħ (2) | 17,08 |
| 1007 00 90 | SORGU f'żerriegħa minbarra dik ibrida taż-żrigħ | 36,84 |

(1) Għall-prodotti li jaslu fil-Komunità mill-Oċean Atlantiku jew mill-Kanal ta' Suez (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96) l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis ta' dazju ta':

— EUR 3 kull tunnellata, jekk il-port fejn jsir il-ħatt jinsab fil-baħar Mediterran, jew ta'

— EUR 2 kull tunnellata, jekk il-port fejn isir il-ħatt jinsab fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja jew fuq il-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika.

(2) L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 huma sodisfatti.

*ANNESS II*

**Fatturi għall-kalkolu tad-dazji fl-Anness I**

16.2.2010-25.2.2010

(1) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

*(EUR/t)*

| | Qamħ [1] | Qamħirrum | Qamħ iebes kwalità għolja | Qamħ iebes, kwalità medja [2] | Qamħ iebes kwalità baxxa [3] | Xgħir |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Borża | Minnéapolis | Chicago | — | — | — | — |
| Kwotazzjoni | 151,97 | 106,17 | — | — | — | — |
| Prezz *FOB* USA | — | — | 170,67 | 160,67 | 140,67 | 101,09 |
| Tariffa fuq il-Golf | 50,67 | 14,68 | — | — | — | — |
| Tariffa fuq l-Għadajjar il-Kbar | — | — | — | — | — | — |

[1] Tariffa pożittiva ta' EUR 14/t inkorporata [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
[2] Tariffa negattiva ta' EUR 10/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
[3] Tariffa negattiva ta' EUR 30/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

(2) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

Merkanzija/Spejjeż Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam 22,68 EUR/t

Merkanzija/Spejjeż L-Għadajjar il-Kbar–Rotterdam: — EUR/t

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tal-25 ta' Frar 2010**

**dwar ir-regoli ta' funzjonament tal-Kumitat previst fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

(2010/124/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 255(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Jannar 2010,

Billi:

(1) L-imħallfin u l-avukati ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali għandhom jinħatru bi qbil komuni mill-gvernijiet tal-Istati Membri, wara konsultazzjoni ta' kumitat responsabbli li jagħti parir dwar jekk il-kandidati humiex adatti biex iwettqu d-dmirijiet ta' mħallef u ta' avukat ġenerali. Dan il-kumitat għandu jinkludi seba' persuni magħżula minn fost membri preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, membri ta' qrati supremi nazzjonali u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta, li wieħed minnhom għandu jiġi propost mill-Parlament Ewropew.

(2) Għalhekk għandhom jiġu stabbiliti r-regoli ta' funzjonament ta' dan il-Kumitat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-regoli ta' funzjonament tal-Kumitat previst fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea huma mniżżlin fl-anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2010.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. PÉREZ RUBALCABA

*ANNESS*

## REGOLI DWAR IL-FUNZJONAMENT TAL-KUMITAT PREVIST FL-ARTIKOLU 255 TAT-TRATTAT DWAR IL-FUNZJONAMENT TAL-UNJONI EWROPEA

1. **Missjoni**

Il-kumitat għandu jagħti opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati li jaqdu d-dmirijiet ta' Mħallef u ta' Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali qabel ma l-gvernijiet tal-Istati Membri jagħmlu n-nomini skont l-Artikoli 253 u 254 tat-TFUE.

2. **Kompożizzjoni**

Il-Kumitat għandu jkun kompost minn seba' persuni magħżula minn fost membri preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, membri ta' qrati supremi nazzjonali u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta, li wieħed minnhom għandu jiġi propost mill-Parlament Ewropew.

3. **Tul tal-mandat**

Il-membri tal-kumitat għandhom jinħatru għal perijodu ta' erba' snin. Il-membri li l-funzjoni tagħhom tintemm qabel l-iskadenza ta' dan il-perijodu għandhom jiġu sostitwiti għall-bqija tal-mandat tagħhom.

Il-mandat tal-membri tal-Kumitat jista' jiġġedded darba.

4. **Presidenza u segretarjat**

Il-Kumitat għandu jkun ippresjedut minn wieħed mill-membri tiegħu, maħtur għal dan il-għan mill-Kunsill.

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jiżgura s-segretarjat tal-Kumitat. Huwa għandu jipprovdi l-assistenza amministrattiva meħtieġa għall-ħidma tal-Kumitat, inkluż fejn tidħol it-traduzzjoni tad-dokumenti.

5. ***Quorum* u deliberazzjonijiet**

Sabiex tinżamm laqgħa tal-kumitat huwa meħtieġ li minn tal-inqas ħamsa mill-membri tiegħu jkunu preżenti. Id-deliberazzjonijiet tiegħu għandhom isiru bil-magħluq.

6. **Riferiment quddiem il-kumitat u talba għal informazzjoni addizzjonali**

Malli l-gvern ta' Stat Membru jipproponi kandidat, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jittrasmetti din il-proposta lill-President tal-Kumitat.

Il-Kumitat jista' jitlob lill-gvern li jkun ippreżenta l-proposta ta' nomina sabiex jibagħtlu informazzjoni addizzjonali jew elementi oħra li fil-fehma tal-kumitat ikunu meħtieġa għad-deliberazzjonijiet tiegħu.

7. **Seduta**

Ħlief fil-każ ta' proposta dwar it-tiġdid ta' mandat ta' Mħallef jew ta' Avukat Ġenerali, il-Kumitat għandu jisma' lill-kandidat waqt seduta li ma tkunx miftuħa għall-pubbliku.

8. **Motivazzjoni u preżentazzjoni tal-opinjoni**

L-opinjoni mogħtija mill-Kumitat għandha tkun motivata. Il-motivazzjoni għandha tindika r-raġunijiet essenzjali li fuqhom il-Kumitat ikun ibbaża l-opinjoni tiegħu.

L-opinjoni tal-kumitat għandha tintbagħat lir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri. Barra minn hekk, fuq talba mill-Presidenza, il-President tal-Kumitat għandu jippreżenta din l-opinjoni lir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri miġbura fi ħdan il-Kunsill.

9. **Dispożizzjonijiet Finanzjarji**

Il-membri tal-Kumitat li jkunu meħtieġa joħorġu mill-post ta' residenza tagħhom sabiex jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom għandhom jibbenefikaw minn rimbors tal-ispejjeż tagħhom u minn benefiċċju skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 422/67/KEE tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-president u l-membri tal-Kummissjoni u tal-president, tal-imħallfin, tal-avukati ġenerali u tar-reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet, kif ukoll tal-president, il-membri u r-reġistratur tal-Qorti tal-Prim'Istanza kif ukoll tal-president, il-membri u r-reġistratur għat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea ([1]).

L-ispejjeż relattivi għandhom jitħallsu mill-Kunsill.

---

([1]) ĠU 187, 8.8.1967. p. 1.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-25 ta’ Frar 2010

## li taħtar il-membri tal-Kumitat previst fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

(2010/125/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 255(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta’ Jannar 2010,

Billi:

(1) Għandu jiġi stabbilit kumitat, skont l-Artikolu 255(1) tat-Trattat, sabiex jagħti opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati li jaqdu d-dmirijiet ta’ Imħallef u ta’ Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali qabel ma l-gvernijiet tal-Istati Membri jagħmlu l-ħatriet (minn hawn il-quddiem “il-kumitat”).

(2) Dan il-kumitat għandu jinkludi seba’ persuni magħżula minn fost membri preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, membri ta’ qrati supremi nazzjonali u avukati ta’ kompetenza rikonoxxuta, li wieħed minnhom għandu jiġi propost mill-Parlament Ewropew.

(3) Għandu jkun hemm kompożizzjoni ekwilibrata tal-kumitat, partikolarment f’dak li jirrigwarda l-bażi ġeografika tiegħu u fir-rigward tar-rappreżentazzjoni tas-sistemi legali tal-Istati Membri.

(4) Għandu għalhekk, jipproċedi għall-ħatra tal-membri tal-kumitat, u tal-President tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma maħtura membri tal-kumitat previst mill-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal perijodu ta’ erba’ snin li għandu jibda mill-1 ta’ Marzu 2010:

Is-Sur Jean-Marc SAUVÉ, President

Is-Sur Peter JANN

Lord MANCE

Is-Sur Torben MELCHIOR

Is-Sur Péter PACZOLAY

Is-Sinjura Ana PALACIO VALLELERSUNDI

Is-Sinjura Virpi TIILI

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta’ Marzu 2010.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta’ Frar 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. PÉREZ RUBALCABA

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i<br>tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT